# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

Ġiebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

15. 12 TA' DICEMBRU 1908. L-EUUEL SENA


## FTEĦIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal t' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal t' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Ħadd ma jista jissieħeb għal inkas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux iġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieh tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Iscrejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Għal premjijiet jista jidħol m'hux biss min icun imsieħeb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokgħod għal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Naħla".

Il manoscritti ma 'nreġġħuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Giovanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

## L-INDUSTRIJI MALTIN.

Il Marchis u Avucat Alfredu Mattei hu ŭieħed minn daŭc il ftit patriotti ta' kalb tajba li jixtieku tasseŭ jaraŭ miexi il kuddiem lil pajjishom. Dan is-sinjur m'hux biss hu ragel ta' ħila cbira bħala avucat u li jaf jicteb u jitchellem tajjeb ħafna bl'ingliż u b'it-taljan, iżda billi katta biċċa cbira minn ħajjtu go Londra u għamilha ma' l-aħjar nies ta' hemm jaf x'igħid ħafna u jaf chif jimxu l-affarijiet f'dac il pajjis u għalecc l-esperjenza li għandu tisŭielna ŭisk. Il maltin għandhom jiżżuħħajr minn kiegħ kalbhom ucoll talli ma kagħadx ipappi bi qŭietu il gid li għoġbu jatieh Alla, bħal ma jagħmlu x'uħud, iżda li kiegħed iħabrec u jitħabat biex jara chif jista jagħmel xi ftit gid lil poplu u chif jerfgħu xi ftit m'il għacs li ŭaka fuku.

Il Marchis Mattei jaf li jecc pajjisi oħra huma għanja il gid tagħhom hu collu ġej m'il l-industriji u għalecc jixtiek ħafna li jara jinbtu f'Malta xi ftit industriji biex ikallgħu xi ftit ta'l flus lil min hu kiegħed u biex flusna f'loc li jmorru f'but il barrani jibkgħu f'butna. Għaldakstant dana il Marchis, billi hu ŭieħed m'il Cunsiljieri, għamel talba f'il Cunsill, għal Gvernatur sabiex dana jŭakkaf Commissjoni ta' nies li jifhmu biex jaraŭ liema industriji ġodda jistgħu jitŭakkfu f'Malta biex joħolku ftit xogħol għal min hu kiegħed.

Il ħsieb ta'l Marchis Mattei ma jistax icun isbaħ u jiena m'hux biss nakbel f'il ħehma miegħu iżda nixtiek li dina il Commissjoni issir u tirnexxi b'ùiċċ il gid; u jecc intom tkallbu ftit in-numri ta' kabel ta'n-"Naħla" issibu li jiena chemm il darba ħambakt biex titùakkaf dina il Commissjoni ħalli ùieħed jara x'jista jsir għal gid ta' dana il magħcus pajjis; u jecc tiftacru tajjeb fl-eùùel żeùġ numri ta' dina il gazzetta jiena cont gibt articolu fuk l-industriji li chien intgħoġob ħafna fejn cont ħajjart l'in-nies biex jibdeù jiżirgħu il ùard u fjuri oħra u jbihuhom Barra biex minnhom isiru il fùejjaħ.

Jiena jidhirli li ùaħda m'il l-industriji li għandu jincoraġgixxi il Gvern hi dic ta'd-distillazzjoni ta'l profumi. Malta hu il pajjis ta'l fjuri u fejn daùna jicbru bi ftit tbatija u b'inkas spejjes. Jecc Alla għoġbu jatina dana ir-risk collu għala aħna ma għandniex naraù chif nagħmlu biex nerdgħu xi gid minnu?

F'pajjisi oħra u l-actar fi Franza, bliet sħaħ igħixu fuk spallejn il fjuri; eluf u eluf ta' liri jidħlu fi Franza prezz ta'l fùejjaħ li joħorġu minn hemm biex jixxerdu ma'd-dinja collha.

Għala dac li jsir fi Franza u f'pajjisi oħra ma jsirx f'Malta ucoll, meta għandha clima actar tajjeb għal fjuri li actar ifuħu u għalecc għandhom actar żest u benna?

Franza, l-Ingħilterra u il Germanja huma tliet pajjisi chiesħin, fejn il borra ma tul ħafna xhur ta's-sena taħrak l-uċuħ u tnicchar it-tinùir; u b'dan fabbrichi famusi ta' profumi u ta' essenzi iħaddmu eluf ta' nies u jiġbru f'il pajjis eluf ta' liri.

Għala dana ma jistax isir haùn ucoll?

Tridu forsi xi għerf li ma bħalu biex tiddistillaù ftit ùard u vjoli?

Jakaù moħħna ma jùassalx għal dan bħal ta' ġnus oħra?

Jakaù ma haùnx bosta Maltin li jafu jiddistillaù l-ispirtu daks l-akùa fabbrichi ta' Barra; u min jaf jiddistilla iż-żbib jeù it-tamar jeù ħùejjeġ oħra biex jieħu l-ispirtu minnhom jista bla tbatija ta' xejn u bla ebda għerf acbar jiddistilla il fjuri biex jieħu il fùejjaħ.

Mela hemm bżonn li bħal ma il Gvern jati lil xi ùħud sensja biex jagħmlu l-ilma żahar, jatihom ucoll il permess li jiddistillaù fjuri u il frottijiet għaliex l-industrija ta'l profumi u ta'l essenzi tcun il barca ta' Malta.

F'pajjisi oħra jsiru ħafna żjut li jisùeù ħafna flus u li jidħlu fl-ispiżżeriji u f'il għamil ta'x-xorb. Per esempju: iż-żejt ta'n-nagħnieħ, ta'l ħleùùa, ta'l ċhemmun, ta'l clin, ta'l bergamott, ta'l-larinġ, ta'l-lumi, ta'l plejju, ta's-sagħtar u x'naf jien.

Malta hi imfaùùra b'il plejju u b'is-sagħtar. Min katt għaddielu minn moħħu li jistagħna minn fuk daùna iż-żeùġ ħaxixiet li jinsabu mormija f'il campanji tagħna?

Frattant m'il plejju joħroġ l-*oleum pulegii* li jidħol fl-ispizzeriji u Barra jimxi ħafna u l-actar fl-Ingħilterra, biex isiru il *pennyroyal pills*.

M'is-sagħtar jittieħed medicament prezzjus u li illum hu imfittex ùisk, imsejjaħ *timol*, għaliex hu disinfettant tajjeb ùisk. Ma chienx icun aħjar għa'n-nies ta'r-raba tagħna li chiecu f'loc li jħalluh jinxef u jaktgħuh għal forn, chienu jifhmu il virtù tiegħu u minnu joħorġu dac it-*timol* li jisùa tant flus?

Għala bkajna tant l-ura li Alla jkegħdilna id-dundjani taħt ħalkna u aħna natuhom lil clieb biex imbagħad nokogħdu idejna fuk żakkna nocorbu il ġuħ?

Niftacar meta il ħabib għażiż tiegħi, il bravu tabib Pietru Paùl Agius B. A; C.F., li hu ucoll id-Direttur ta'r-"*Risorgimento*" chiteb fuk dic il gazzetta xi articoli fejn ùera chemm chien icun ta' gid chiecu ùieħed jiccoltiva f'il pajjis is-sagħtar; għaliex m'hux biss ùieħed jista jakla xi sold minnu, iżda għa'x icun ta' gid cbir għa's-saħħa ta'l pajjis billi ir-rieħa ta's-sagħtar hi disinfettant kaùùi.

Min ta ùiden għal dac li chiteb u għal gid li ried jagħmel?

Il lumi u il larinġ haùn Malta jicbru l-istess bħal ma jicbru fi Skallija. Għala Skallija jagħmlu iż-żejt ta'l-larinġ u ta'l-lumi u l-acidu citricu li jkumu ħafna flus, u aħna katt ma tħajjarna nagħmlu bħalhom?

Xi trid biex tiżra għalka b'in-nagħnieħ? xejn. U biex tiddistillah? Lampic ta' ftit liri u ftit nar. Frattant iż-żejt ta'n-nagħnieħ hu imfittex ma'd-dinja collha u jitħallas tajjeb bħal ma tajjeb jitħallas ħafna il MENTOL li minnu jagħmlu dic il gebla ta'l ugiegħ ta' ras u li jsir minn nagħnieħ ucoll.

Katt tħajjarna forsi nagħmlu iż-żejt ta'l camumilla, li ticber salvaġġa ucoll f'pajjisna bħala *bebuna*?

Għandna f'Malta ħaxixa li ticber tista tgħid haùn biss, it-tulliera (Inula vischiosa). Dina jagħmlu il ùerak tagħha f'iż-żejt u meta xi ħadd jakta sebgħu jeù x'imchien ieħor ikegħdu ùerka minnha u il ferita tagħlak malajr. Katt xi ħadd tħajjar jistudja tajjeb dina il ħaxixa, jiġbed iż-żejt tagħha u jara chif jispeculah?

Li chiecu dina il ħaxixa chienet Barra chiecu ilhom li għamlu minnha xi medicina *patentata*; u frattant fostna ticber salvaġġa fost il blat.

Mela jecc, chif nitma f'Alla, issir u isseħħ dina il Cummissjoni li talab il ħabriechi Avucat Mattei, ùaħda m'il l-eùùel ħùejjeġ li għandhom jistudjaù seùùa hemm bżonn li tcun id-distillazzjoni ta'l fùejjaħ, ta'l essenzi u ta'ż-żjut.

Staksu ftit lil daùc li jagħmlu il luminata *gażuż* u il ginger chemm il-litru essenzi f'is-sena jiccunsmaù u chemm liri jkumu?

Għala dac li jagħmel Curt Georgi f'il Germanja, fejn il frott hu għola minn dac ta' Malta u fejn ma hux bnin daks tagħna, ma ngħamluhx aħna u ma infornux lil daùc li jagħmlu il luminata *gażuż* bl-essenzi u hecc flusna jibkgħu f'darna?

Chemm bi ħsiebna indumu inħallu aħna lil barranin jieclu il laħma u aħna immeximxu il għadma?

Naf ùieħed minn Ħal Chircop li jiżra il ġonta raba li għandu b'il camumilla. Dana m'hux biss ibieħ lil l-Ispiżżjari collha iżda ma jlaħħakx ma'l ordnijiet li jiġuh minn Barra. Għala ma jitħajrux jagħmlu oħrajn bħalu. Darba jiena, meta chelli l-ispiżżerija, billi chienet scarsa il camumilla, gibt ftit minn Barra, iżda ma irġajtx għaliex ħdejn tagħna ma tgħid xejn u tiġi ùisk ogħla.

Xi ħadd għaraf f'Malta jiżra il fakkus il-ħmir, jieħu minnu dic il medicina li jsejjħulha *elaterju*, u kiegħed jakla ħabbtejn ġmielu, għaliex Barra jfittxuh ħafna biex jagħmluh f'xi pilloli bħal purgant.

U ma jesagħnix il gurnal collu jecc nokgħod insemmi ùaħda b'ùaħda il medicini collha li jistgħu jsiru f'Malta u li jiġu minn Barra u li tagħhom inħallsu il belli flejjes.

Haùn min jagħsar iż-żejt il-leùs? Għala bħal ma jagħsar ftit ma jagħsarx ħafna u jforni lil l-ispiżżeriji floc dac il ħafna ta'l caraùett li jiġi minn Barra, u li jaħrak imsaren it-trabi tagħna u li bosta drabi jcun il caġun ta'l kerda tagħhom fost ugieħ ta' msaren u tkagħùix li jislitlec id-dmugħ minn għajnejc?

Dari il foss ta'l Belt chien mimli siġar ta'ż-żejt ir-riġnu. Din is-siġra ticber salvaġġa f'pajjisna u għad hemm ftit si-

imħabba u għalecc riedet tinżrafa m'il ħajja ħażina li chien tefagħha fiha Gleby. Vassili mar f'il palazz ta' Alexis u dana x'ħin lemħu insultah; ħarġu ix-xŭabel għal xulxin u Vassili katel lil Alexis. Għal dan ġie iccundannat li jigi itturufnat f'is-Siberja. Haŭn jispiċċa l-eŭŭel att.

Iżda Stefana chienet ħabbet tasseŭ lil Vassili u għalecc riedet titlak il palazz u il għana li chienet fih biex tmur tgħix ma' Vassili f'it-tbatija miegħu, biex ittaffilu il ħruxija ta't-turufnament tiegħu. F'it-tieni att jidhru l-iccundannati għaddejjin għa's-Siberja, u il musica u ix-xeni jfissru tajjeb ħafna it-tbatija u il moħkrija li jġarrab min jigi mibgħut hemm. Il cor ta'l forzati hu sabiħ ŭisk. Stefana issib lil Vassili u tibka sejjra miegħu, ħienja għad li maħkurin u fost l-aħrax tbatija. F'it-tielet att nsibu f'is-Siberja lil karrieki Gleby li gie itturufnat hemm fuk imbrolji u serk. Dana meta ra lil Stefana ħaseb li sejjer igedded magħha il ħajja ħażina ta' kabel, iżda hi kaltlu li ma għandux għa'x iħares lejn ŭiċċha għaliex hi chienet tħobb biss, b'kalbha collha, lil Vassili. Gleby tmasħan u biex jitħallas minnha, kuddiem cull min chien hemm, chixfilha il ħajja imgħoddija tagħha. Hi ucoll kalet lil cullħadd li hu chien il cagun tagħha u li ried imixxiha fi triek ħażina biex jiecol minn fukha, u għalecc Gleby bagħadha għal meŭt. Stefana u Vassili, megħjunin m'il għassa, jiftiehmu li jaħirbu. Nhar-il-Għejd x'ħin cullħadd chien kiegħed f'id-dverna jixrob u jixxala għaliex chienet festa, Stefana u Vassili ħarbu. Iżda il chiefer Gleby, li chien f'id-dverna, lemagħhom; sejjaħ malajr lil l-għassiesa li sparaŭ fuk il maħrubin u laktu lil Stefana u kabdu lil Vassili.

Stefana tmut f'idejn Vassili, tgħidlu li hi ħabbitu sa l'aħħar nifs ta' ħajjitha, u Vassili jibka hemm isofri it-tbatija ta's-Siberja flimchien m'al kasma ta' kalb ħarxa li gie mifrud għal dejjem m'il maħbuba tiegħu Stefana. Il musica hi sabiħa ŭisk u taħt it-trigija ta'l bravu Surmast De Cristofaro, li hu miżżeŭŭeġ l-oħt Giordano stess, l-orchestra timxi tajjeb ŭisk. Min jara din l-opra jcun ra xi ħaġa sabiħa tasseŭ.



Il ġuri ta' Facond Buttigieg li chien gżat li katel f'il 25 ta' Ġunju li għadda, f'ix-Xlendi ta' Għaŭdex lil Ciccu Borġ, sar f'is-7 ta' dana ix-xahar. L-Imħallfin chienu il President Carbone, il Baruni Dr. Chappelle u Dr. Pullicino. Id-difensur chien il bravu Avucat Mercieca li għamel difiża sabieħa ŭisk. Il ġurati ħarġu sitta għal ħtija u tlieta le, u għalecc giè iccundannat għal ħames snin ħabs biss. Nifraħ b'kalbi colla lil l-Avucat Mercieca talli għaraf jiddefendi hecc tajjeb.

BILLI IL GIMGHA LI HARGET GHAMILT TLIET TI-JIEM F'IS-SODDA BL-INFLUENZA IL GAZZETTA HARGET TARD. NAHSEB LI CULLHADD JAGHDIRNI.

Min irid ikatta nofs siegħa biex jieħu pjacir tasseŭ imur f'iċ-Cinematografu il ġdid ta' Ta's-Sliema ta'x-Xatt imsejjaħ Sanspareil. M'hux biss jara loc m'il l-isbaħ iżda jara ucoll ħafna pellicoli novità. Tħajjru u ma jibdielcomx.

Nirringrazzja li's-Sur Bascal Bonanno ta'l Almanacc sabieħ li għoġbu jirrigalani ta'l "Unione Tipografica di Torino" li tagħha hu l'agent għal Malta.

Daŭc collha li jixtieku jaraŭ xi numri ta'n-"Naħla" biex forsi jitħajjru jissieħbu jiġu l-uffiċċju tiegħi u natihom b'xejn xi numri farrada m'il l-imgħoddija. Nitlob ucoll lil daŭc li jonkoshom xi numri li jgħarrfuni għaliex da'l ŭakt jispiċċaŭ u jibkgħu b'xejn.

Min jissieħeb ġdid u irid in-numri collha ta' kabel għandi mnejn natihomlu. A. Levanzin

# Colonna Sagra.

## L'Evangelju ta għada

It-Tielet Ħadd tal Avvent.

SAN ĠŬAN, Cap. 1:—

"Dac iż-żmien, il Lhud bagħtu minn Gerusalemm il kassisin u il leviti għand Ġanni, biex, jistaksuh: *Int min int?* U hu stkarr u ma ċaħadx; iżda stkarr: *Jiena m'inhiex Cristu.* Imbagħd, stakseuh: *X'int immela? Intix Elija?* U kal: *M'inhiex. Intix il Profeta?* U ŭiegeb: *Le.* Kalulu immela: *Min int, ħalli incunu nafu inŭiegbu lil daŭc li bagħtuna? Xi tgħid fukec in-nifsec?* Hu kal: *Jiena leħen ta ŭieħed igħajjat f'id-desert* Ŭittu it-triek tas-Sinjur bħalma kal il Profeta Isaija. Issa il mibgħutin chienu m'il Fariżej. U stakseuh u kalulu: *Ma għaliex kiegħed tgħammed, la m'intix Cristu, u inkas Elija, u inkas il Profeta?* Ġanni uiegibhom billi kallhom: *Jiena ngħammed bl'ilma: iżda jinsab ŭieħed f'nofscom li intom ma tafuħx. Dan hu li għandu jigi ŭarajja, li sar kabli u li jiena ma jistħokklix inħollu il kafla tal kork tiegħu.* Daŭn il ħŭejjeġ ġraŭ f'Betania, il-hinn mil Giordan, fejn Ġanni chien igħammed."

(a) Fuk daun il Fariżej li chienu imbagħtu għand San Ġuan, biex jistaksuh min hu, jiħtieġ niftacru tliet ħuejjeġ: l-euuel uaħda, li il Lhud, dic il ħabta, chienu persuasi li chien uasal iż-żmien biex jidher il Messija, scond chif chienu jakrau fil Cotba 'Mkaddsa u li dac iż-żmien il Lhud chienu jistenneu fil krib il Messija igħiduh ucol chittieba profani; it-tieni, li il Lhud chellhom dejjem f'moħħom ii il Messija jigi mgħammed, bħala xhieda li du mibgħut mis-Sema, għax dan chienu jafuh ucoll m'il Cotba 'Mkaddsa; u fl'aħħar nett, li chien gej mn'Alla li is-Sinedriu tal Lhud, uara li sama bit-tuelid, bil ħajja u bil kdusija ta San Ġuan, bagħat in-nies tiegħu minn Gerusalemm għandu, xhieda li hu chien lest biex jistkarru bħala Messija, fil uakt li imbagħd minn fommu chellu jisma min chien il Messija.

(b) Daun il chelmiet *stkarr, u ma cahadx, imma stkarr*, juruna li San Ġuan. biex jirbaħ l-ebusija tal Fariżej, għal darba, tnejn, tlieta, kallhom li m'hux Cristu.

(c) Chif igħidulna San Ġuan Grisostmu, San Cirillu u Teofilotto, il Lhud chellhom f'moħħom li Elija chellu jarġa jigi fid-dinja fid-dehra tal Messija u li bejniethom chellu jituieled Profeta jixbaħ il Mosè; u xi cliem li hemm f-żeuġ capijet oħra tal Evangelju ta San Ġuan (is-sitta u is-seba cap) jurina actar ċar li chellhom din il fehma. Għalhecc mela kalu lil S. Ġuan: *La m'intix il Messija, intix Elia jeu dac il Profeta li għandu jidher maħhom?*

Il biċċa il cbira tan-nies tas-Sinedriu chienu Fariżej. X'in hu is-Sinedriu fissirna drabijiet oħra.

(c) San Ġuann ried igħid: "Jien ngħammed bl'ilma biss, mingħajr it-tixrid fukhcom ta li Spirtu is-Santu, għax dan jatihulcom Dae li gej uarajja u li jien m'inhiex ħlief ministru tiegħu."

## Il Kaddisin tal Gimgha.

Nhar it-Tnejn—14 ta Dicembru—bl'abjad—ġurnata fost l' Ottava tal Concezzjoni—jista jsir il kuddies għall'Eŭrieħ—bl' isŭed.

Nhar it-Tlieta—bl'abjad—l'Ottava tal Concezzjoni.

Nhar l-Erbgħa—bl'aħmar—Sant Eusebju, Iskof u Martri saum tal Quatuor tempora (Jigifieri tal "Erba staġuni).

Nhar il Ħamis—bil vjola—issir li stess kuddiesa tal Ħadd li għadda, bla Glorja u bla Credu.

Nhar il Gimgħa—bl'abjad—il festa ta mita il Madonna daħlet tistenna is-sigħa—saum bħalma ghedna.

Nhar is-Sibt—bil vistu—vgili ta San Tumas. imraġġa ġurnata l'ura 'mħabba il Ħadd—issir il Kuddiesa tal ġurnata, bla Glorja u bla Credu—Saum bħalma ghedna. F'San Ġuan icun hemm l'Ordinazzjoni tal kassisin.

Nhar il Ħadd—20 ta Dicembru—bil vjola—ir-Raba Ħadd tal Avvent.

G. Muscat-Azzopardi

# Il Vapur "SARDINIA."

Għad li għadda ġa ftit ta'ż-żmien minn mindu ġrat il cbira disgrazzja ta'l vapur "Sardinia" iżda bosta imsieħbin talbuni inżid xi ħaġ'oħra barra minn dac li għedt f'in-numru ta' kabel, u jiena m'hux biss irrid niccuntentahom iżda gibt ucoll ir-ritratt ta'l ħruk icreħ ta' dana il vapur sabiex daŭc collha li ma raŭhx jinħarak icunu jistgħu jifhmu chif ġrat dina il cbira ħsara u ta' bichi u li fiha inkerdu ħafna nies.

Ir-ritratt li gibt hu meħud minn fuk dac li għamel il bravu fotografu is-Sur Salv: Cassar li għoġbu jatini il permess minngħajr interess ta' xejn.




Xi imsieħbin tagħna cull tant ighemgmu għala ma tantx ingib aħbarijiet f'in-"Naħla."

Chif kiegħdin taraŭ meta jcunu tasseŭ ħŭejjeġ interessanti dejjem gibthom u f'it-tul actar minn ħaddieħor, iżda jiena jidhirli li hu ŭisk aħjar li ŭieħed jimla il gazzetta b' articoli originali u ta' tagħlim milli jimlieh b' ħafna aħbarijiet li jcunu ilhom li nkraŭ fuk il "Gazzetta di Malta" u li xi dakkiet meta naslu biex ingibuhom aħna jcunu cheshu. In-"Naħla" iżjed jġġib ħaejjeġ li jgħallmu illum għada u dejjem u li jibkgħu jgħallmu l-uliedcom ucoll milli timla il faċċati tagħha bi ftit aħbarijiet li ŭara li jaktgħulec il curżità ta'l mument ma jibkgħu jisŭeŭ xejn iżjed. Għalija hu ŭisk eħfef li nittraduci xi ftit aħbarijiet m'il gazzetti taljani jeŭ inglizi milli nokgħod nicteb articoli originali ta' tagħlim li jridu actar ħsieb u tkallib ta' cotba.

Ŭaħda m'ix-xeni li jbiccu ta' dana il ħruk chienet dina li kalieli uieħed m'it-tobba li laħku id-Dŭana għal l-ajjut.

Mr. Grant chien żmien ilu impiegat haŭn Malta meta xi sentejn ilu avanza u bagħtuh Lixandra. D'is-sena ha il permess biex mar l-Inghilterra, ma' martu u m'ibnu, biex jara il familja, u chien għaddej minn Malta biex jarġa jmur Lixandra għal l-impieg tiegħu. Mr. Grant meta ra il ħruk riesak seŭŭa lejhom għannak it-tifel u kabeż il baħar, l-ommu kabżet ŭarajhom u damu jitħabtu actar minn siegħa ma'l meŭġ kalil ta'l baħar kabel ma setgħu jerfgħuhom. Il missier baka dejjem jitħabat biex iżomm f'il ŭiċċ l'it-tifel ħalli ma jiblagħlux l-ilma, iżda ma irnexxilux għal collox billi il baħar chien kaŭŭi ŭisk. Meta laħkuhom u tellgħuhom fuk il lanċa it-tifel li chien għeja jitħabat ma'l ħalel ta'l baħar miet. Malli l-ommu ŭassluha id-Dŭana u stejknet l-eŭŭel chelma li staksiet l'it-tabib chienet fejn hu it-tifel. Dana ŭiegibha li ma jafx. Staksietu għalecc jecc Mr. Grant chienx salv, u meta dana kallha li iva, irringrazzjat l'Alla għa'x kaltlu mela it-tifel salv sgur ucoll, bla ma chienet taf dic l-imsejcna omm li għalchemm Mr. Grant salva ibnu b'taħbit cbir miet ġo jdejh malli tellgħu fuk il lanċa. Hŭejjeġ li jaksmu il klub!

⁂ It-tobba ŭreŭ ħila cbira ŭisk u fostom irrid infaħħar l'iż-żagħżuh intelligenti Salvu Borġ li laħak minn ta'l-eŭŭel u l'it-tobba Vella, Randon, Anastasi, Mifsud u l'it-tobba inglizi ucoll li għamlu chemm felħu biex għienu lil daŭc l-imsejcnin.

⁂ L-Eŭropej salvi huma: Mr. Grant li semmejna, impiegat ta't-Telegrafu u is-Sinjura tiegħu, is-Sinjura Baker, Mr. Rownstree, litografu, Miss Gilmour, soru ta'l Isptar, Mr. Jennings, Mr. Hamilton, is-Sinjura Berry, Mr. Buryan, Mr. Allen, impiegat ma'l Gvern Egizjan, u is-Sur Orbelli, rappresentant ta'l Cafè Frank u li miet meta tellgħuh id-Dŭana.

⁂ Fost l-eŭropej hemm mitlufa: il Captan, il bdot Trew, il *quartermaster* Parkes, l-uffiċċjali Pireol u Farrell, il baħri Murphy, u il prim inginjier Seagreave, is-second inginjier Neel, il *fajarmen* Stanton, Hynes, Watson, Rilly Dolan u il camrier Hughes.

⁂ L-access għamlu il Magistrat Amabile Fiteni flimchien ma'l Logotenent Gvernatur, ma'l-Assistent Segretarju Mr. Roupell, is-Sur Gollcher bħala Agent ta'l *Lloyd*, ma'l Agent Camilleri u ma'l Captan ta'l *Arabian*. Bħala periti geŭ maħturin: l-inginjier Wright, il Captan G. Muscat u l-Assistent Supraintendent ta'l Marina Captan Zarb.

⁂ Min dac iż-żmien il haŭn sabu ħafna catavri u ħafna bcejjeċ actarx ta' daŭc li taru fl-arja meta tar il briċ b'il Captan b'collox.

⁂ Abbord sabu ħafna flus. F'caxxa sabu 152 napuljun, u fuk il catavri li sabu f'il baħar sabu xi flus ucoll.

⁂ Il ġabra li saret għal bżonnijiet ta' daŭna id-disgrazzjati chienet sabieħa ŭisk għaliex laħħket fuk l-ELF U TLIET MITT LIRA, mija minn daŭŭa geŭ migburin m'il enejjes ŭara li l-Iskof talab li issir gemgħa. F'it-Teatru Manoel, saret ucoll gemgħa għalihom billi il flus li ngabru m'il l-eŭŭel rappresentazzjoni ta's-SIBERIA, l-opra ġdida għal Malta, marru għalihom.

Hu ta min ifaħħru ŭieħed uffiċċjal ta' frejgata "*Glory*" li sab abbord 350 franc u tagħhom l'id-Dŭana.

# LOGHOB.

## XARADA.

L-*ĕŭŭel* tiegħi sib f'is-sodda;
U l'*intier* fittxu f'it-triek;
Hu m'it-*tieni* subgħajn seŭŭa
Jecc tiecol ħafna tixtiek.

LEV.

## TIFSIR TA'L LOGHOB TA' KABEL.

Ix-Xarada ta'n-Nu. 13 —PIS - TAĊĊI.

Fissruha tajjeb:—

A. Mercieca (Mosta); Edy Mula (Sliema); Carmelo Abela Hyzler (Sliema); V. Xerri (L'Isla); Giuseppe Cassano (L'Isla); Leonard Ellul (Ħal Chircop); Gaetan Grixti (Gudja); Fco: Said (Tarxien); C. Sant (Ħal Għargħur); G. Zarb Cousin (Il Belt); Ab. Cefai Aquilina (Sliema); Luigi Pace (Sliema). Spiro Navarro (Il Belt).

Ix-Xarada ta'n-Nu: 14 —SOL - FA - RINA.

Fissruha tajjeb:—

Chcu G. Vella (Mosta). Edy Mula (Sliema); Lily Diacono (Sliema); C. Abela Hyzler (Sliema); A. Cefai Aquilina (Sliema); Mary Verzin (Ħamrun); C. Cassar (Bormla); V. Xerri (L'Isla); L. Ellul (Ħal Chircop); E. Fauzza (Ħal Kormi); Erc. Valenzia (Bormla); A. Mercieca (Mosta); F. Said (Tarxien); G. Vella (Il Belt); Sp. Navarro (Il Belt). I. Testaferrata Bonnici (Valletta); F. Hass (Sliema).

## Lil l-Imsieħbin.

Nitlob lil daŭc l-imsieħbin li għadhom ma ħallsux l-eŭŭel tliet xhur li ma jokogħdux iħabbtu l'ir-ragel li bgħat b'-ircevuti biex iħallsuh, u li ma jokogħdux iżiduli spejjes għa'x il gazzetta fiha b'iż-żejjed, ħalli nibkgħu ħbieb.

Nitlob ucoll lil daŭc l-imsieħbin ta'l campanja fejn għandi ftit imsieħbin li jibagħtu il flus ta'l abbonament bolli ta't-tlieta u jiena nibagħtilhom l-ircevuta b'il posta għaliex ma jakbilx li nibgħat ragel apposta bl-ircevuti. L-imsieħbin, jecc iridu jaraŭ tgħaddi il kuddiem l'in-"Naħla," għandhom jagħmluli il kalb billi ma jħabbtunix għal ħlas.

Min jictibli fuk xi ħaga u ma inŭieġbux malajr f'loc li jieħu fastidju għandu jieħu ftit ta'l pacenzja għaliex il ġurnal fih xogħol ŭisk u ma nistax inlaħħak chif nixtiek ma cullħadd.

★

HAREĠ IL CTIEB SABIH

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL HAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIHA "SAN ĠŬANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOX-RIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN HA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH HALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIH.

A. LEVANZIN.

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qŭalità jixtri daŭc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geŭs u ta'l caŭba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet ħas. Min jipprova joħroġ għal kalbu sgur.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta'l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Dŭardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieh sigarr Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jilka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irħis.

Dar cbira għal chiri tajba għal żeŭġ familji fi Strada Annunziata, No 52, il Ħamrun; u ħanut cbir, il Furjana, Str. Botanico, No. 14. Min irid x'informazzjoni fukhom jigi fl-uffiċċju tiegħi.

Min irid crietel vojta għal patata b'il 2 xelini u tliet soldi il ŭieħed imur għand Bernard Zammit, 11, Flag Stone Wharf, il Menka (Marsa).

Min icollu bżonn li jircanta jeŭ jistma xi ħaga, jeŭ min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeŭ mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeŭ fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħħra Dar ta'l fjuri u sigar, Nastasi e Figlio. Dal ŭakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, sigar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaga jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeŭ l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

Min irid jixrob il veri imbejjet naturali imur għand Rafel Raggio fi Strada S. Paolo, 34A. Ta's-Sliema.

Min irid jixtri ħŭejjeġ ta' rġiel u ta'n-nisa, cpiepel u umbrelel u ġugarelli tajbin u irħas imur għand Chelinu Tirchett fi Strada Marina, 46, Bormla.

F'id-Duke of Cannaught Bar, ta' P. Camilleri, ta' Strada Teatro ta'l Belt issibu xorb, imbejjet, birra, cafè u sigarri m'il l-aħjar.

Min irid sruġ u ħuejjeġ ta'l ingenji tajba jmur għand Azzilla u Costa ta' Strada Reale, 298, il Belt.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?
Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħŭienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.